MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 287/2009

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-esponenti u l-intimat izzewwgu fil-Parrocca ta' San Duminku l-Belt Valletta fit-3 ta' Awissu 2007 u dan iz-zwieg gie debitament registrat skond certifikat ta' zwieg anness Dok A;
2. Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll b'anomalija psikologika serja li

ghamlitha impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett legali, u dan skond id-disposizzjonijiet applikabbli tal-Ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

i. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-Parrocca ta' San Duminku il-Belt Valletta fit-3 ta' Awissu 2007 huwa null u bla effetti, ghal finijiet kollha tal-ligi;
ii. Taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet halli l-istess sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentat tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tat-3 ta' Awissu 2007 huwa null u bla effett fil-ligi izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu kif ser jigi pprovat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga kif ukoll b'anomalija psikologika serja li ghamilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
3. Illi l-esponenti qed jopponi li jigi addebitat kwalunkwe spejjez in konnessjoni ma din il-procedura;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi meta iltaqghet ma zewgha hija kellha hmistax il-sena u huwa kellu ghoxrin sena. Fl-gherusija il-konvenut kien qalibhielha tlett darbiet, izda dejjem kienu irrangaw. L-attrici xehdet illi matul l-gherusija u kif ukoll wara iz-zwieg hi u il-konvenut kienu jiggieldu ta' spiss, izda wara ftit kienu jirrangaw. Hija spjegat illi qabel iz-zwieg l-iktar li kien ikollha xi tghid mal-konvenut kien peress li l-konvenut kien ihoss li hi ma tafdahx u kien minnu li ma kienitx tafdah peress li kienet qabditu f'relazzjonijiet ohrajn u sabitlu wkoll sms minghand tfajliet ohrajn. Wara iz-zwieg kienu ikollhom xi jghidu minhabba kwistjonjiet finanzjarji. Skond l-attrici, il-konvenut ma kienx jaghtiha flus u ma kienx jittrattaha ta' martu. Hi dejjem hadmet u qatt ma talbitu flus u il-konvenut kien jirrifjuta li jikkontrobwixxi ghall-ispejjez tad-dar. L-attrici xehdet illi wara iz-zwieg, il-konvenut baqa jagixxi daqs li kieku ma kienx mizzewweg. Ma kienx ikollhom hin ghal xulxin, kienu jiltaqghu tard filghaxija. L-attrici hasset li kienet ghagglet wisq, bdiet tohrog ma shaba u il-konvenut kien johrog ma shabu. L-attrici hasset li ma baqghetx thobbu lill-konvenut u hu kien jghidilha "jekk trid titlaq, itlaq u jien ma jimpurtanix." Il-partijiet ma baqghux johorgu wahedhom, qatt ma siefru flimkien u qatt ma kellhom hajja mizzewga. L-attrici xehdet illi sesswalment il-konvenut gieli ghamel gimghat ma jersaqx lejha u tissuspetta illi kellu nisa ohrajn. Ghaliha kienet problema, ma rieditx illi jkollhom it-tfal peress illi kellha problemi mal-konvenut, nuqqas ta' kompatibbilita u anke problemi ta' natura finanzjarja. Hija xehdet illi l-konvenut kien dilettant tal-muturi u kull sold li kien ikollu kien jonfqu fuq muturi. L-attrici xehdet li kien ikollha tfendi ghal rasha u kienet thallas il-loan tad-dar wahedha.

Illi l-attrici xehdet ukoll illi hija ma kienitx 'close' mal-genituri taghha u riedet tizzewweg lill-konvenut akkost ta'

kollox sabiex tehles minn tad-dar. Hija qalet illi l-genituri tal-konvenut kienu jghinuha hafna.

Illi irrizulta mix-xiehda tal-konvenut illi missier l-attrici qatt ma kien accettaha u ghalhekk l-attrici kienet tghix man-nanna taghha u kienet biss meta mietet in-nanna taghha illi marret tghix mal-genituri taghha. Il-konvenut xehed ukoll illi wara xi tlett xhur ili izzewgu hu kien telaq mid-dar. Il-konvenut xehed illi l-attrici kienet thossa imdejjqa peress illi ma setghax ikollhom tfal u kien ghalhekk, skont il-konvenut, illi l-attrici qaltlu “jiena ha nibda nohrog mal-hbieb tieghi u inti ohrog mal-hbieb tieghek.” Il-konvenut kompla jixhed illi wara li kien telaq mid-dar, l-attrici kienet cemplitu u talbitu sabiex jerga jigi id-dar sabiex jirrikonciljaw u wara xi gimgha qaltlu li kienet tqila u hu kien issuspetta illi t-tarbija ma kienitx tieghu. Effettivament l-attrici kienet qeghda tistenna tewmin, izda kienet korriet u wara kienet ammettiet mal-konvenut illi t-tewmin illi kien ser ikollha ma kienux tieghu, izda kellha ‘one night stand’ u kienet harget tqila dakinhar u il-konvenut, meta ra illi l-attrici ma kienitx sinciera mieghu u ma kienitx qaltlu mal-ewwel illi it-tewmin ma kienux tieghu, qabad u telaq mid-dar.

Illi in kontro-ezami l-attrici ikkonfermat illi it-tewmin li kienet qeghda tistenna ma kienux tal-konvenut u xehdet illi kien waslilha rizultat id-dar fis-sens illi l-konvenut ried jiehu il-kura sabiex ikun jista ikollu it-tfal, il-konvenut kien irrifjuta li jiehu il-kura, kien irrifjuta wkoll illi jaddotta u kien ghalhekk illi kienu iddecidew illi jisseparaw.

Illi irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-attrici riedet thassar ftit zmien biss qabel iz-zwieg, wara li diga kienu hargu l-inviti u missier il-konvenut kien ikkonvinciha biex ma thassarx u tkompli ghaddejja biz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ikkontendiet illi z-zwieg taghha kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll b’anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibbli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255, waqt illi l-konvenut qabel mal-attrici illi z-zwieg taghhom huwa null, peress illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif ukoll b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-Qrati taghna dejjem irritenew li biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, irid ikun hemm inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew inkapacita kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens taz-zwieg. F'dan ir-rigward, il-Qorti rat sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard.
Illi ghalhekk b'difett derju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita ta' parti jew ohra fiz-zwieg fil-mument li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg. In-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi fis-sentenza li inghatat minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel D vs Mario D, il-Qorti qalet illi ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255, kemm il-darba jirrizulta li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. In fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompattibli ma diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19(1)(d), irid ikun hemm l-inkapacita psikika, jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu il-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, d-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga, bhala huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni ta' dawn l-obbigi essenzjali fil-Kapitolu 255, dawn l-obbligi essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuta bhala li huma is-segwenti :

*1)* L-obbligazzjoni fir-rigward ta' l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-mizzewgin u bazi ghal prokreazzjoni tal-ulied.
*2)* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel.
*3)* Il-'mutual well-being' illi ma jistax jigi separat mill-holqien ta' ambjent li iwassal ghat-tnissil u ghall-edukazzjoni tal-ulied.
*4)* L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal-komunita konjugali.

Illi irrizulta mill-provi illi gew prodotti illi l-attrici qatt ma sabet l-ghaqda fil-familja taghha u kellha tkun in-nanna illi rabbietha. L-attrici marret tghix mal-genituri taghha biss wara li mietet in-nanna taghha li hija kienet issejjhilha "mama". Irrizulta illi l-attrici izzewget sabiex tahrab mid-dar.

Illi l-Qorti rat illi gie ippruvat illi l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif ukoll fuq l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, u dana peress illi irrizulta illi ftit wara iz-zwieg il-partijiet bdew jitlewmu frekwentement peress illi l-attrici kien mohha li tohrog u tiddeverti waqt illi l-

konvenut kien jippreferi joqghod id-dar u ghalhekk l-attrici bdiet tohrog wahedha.  Meta il-konvenut ra hekk, beda johrog wahdu hu wkoll u wara ftit telaq lill-attrici u irritorna id-dar tal-genituri tieghu.

Illi irrizulta illi l-attrici kellha relazzjonijiet extra konjugali, kif kellu wkoll il-konvenut, izda darba minnhom hija harget tqila, irrangat mal-konvenut u xi gimgha wara li irrangaw qaltlu li kienet harget tqila, minghajr ma qaltlu illi it-tarbija li kienet qeghda tistenna ma kienitx minn tieghu.  Il-konvenut xehed illi wara li kienet korriet, l-attrici kienet stqarret mieghu illi it-tewmin illi kien ser ikollha u li kienet korriet ma kienux minn tieghu u huwa tant ha ghalih meta ra li kienet kapaci tigdiblu daqshekk illi iddecieda illi jitlaqha darba ghal dejjem.

Illi gie ippruvat wkoll illi ma kien hemm l-ebda komunjoni ta’ hajja mizzewga bejn il-partijiet, tant illi ma kienux jaqsmu id-doveri tad-dar, ma kienux lanqas jaqsmu il-kontijiet, kullhadd kien ifendi ghal rasu daqs li kieku qatt ma izzewgu.  Irrizulta wkoll li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni jew djalogu bejn il-partijiet u certament l-attrici ma kellha l-ebda intenzjoni sabiex tifforma unjoni permanenti u esklussiva mal-konvenut.  Il-Qorti tara pero’ li bl-ebda mod ma gie ippruvat illi xi hadd mill-partijiet kien qieghed isofri minn xi anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghalih, jew ghaliha sabiex jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddeciedi u tiddikjara illi iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effetti, ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, peress illi l-kunsens tal-attrici kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.  Il-Qorti qeghda tilqa t-tieni talba attrici u tordna li din is-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;  Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------